

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Dokument ta' sessjoni

7.7.2008

B6-0340/2008 }
B6-0341/2008 } RC1

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI KONĠUNTA

skond l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura, minn

- José Ignacio Salafranca Sánchez-Neyra, Laima Liucija Andrikienė, Cornelis Visser, Jas Gawronski, Thomas Mann, Urszula Gacek, Manolis Mavrommatis, Mario Mauro, Charles Tannock u Vito Bonsignore, f'isem il-Grupp PPE-DE
- Pasqualina Napoletano u Hannes Swoboda, f'isem il-Grupp PSE
- Adam Bielan, Ryszard Czarnecki u Zbigniew Krzysztof Kuźmiuk, f'isem il-Grupp UEN

li tiegħu post il-mozzjonijiet għal riżoluzzjoni mressqa mill-gruppi li ġejjin:

- PSE (B6-0340/2008)
- UEN (B6-0341/2008)

dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terrromot u qabel il-Logħob Olimpiku

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar is-sitwazzjoni fiċ-Ċina wara t-terremot u qabel il-Logħob Olimpiku

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tat-22 ta' Mejju 2008 dwar id-diżastru naturali fiċ-Ċina¹,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu ta' l-10 ta' April 2008 dwar is-sitwazzjoni fit-Tibet²,
 - wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-13 ta' Diċembru 2007 dwar is-Samit bejn l-UE u ċ-Ċina u d-djalogu bejn l-UE u ċ-Ċina dwar id-Drittijiet tal-Bniedem³,
 - wara li kkunsidra r-riżultati tal-25 rawnd tad-Djalogu dwar id-Drittijiet tal-Bniedem bejn l-UE u ċ-Ċina li sar fi Brdo, fis-Slovenja, fil-15 ta' Mejju 2008,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 103(4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi kemm iċ-Ċina kif ukoll l-UE ħadu l-impenn li jikkontribwixxu għall-paċi, is-sigurtà u l-iżvilupp sostenibbli fid-dinja,
- B. billi tiġi kkunsidrata l-iskala tal-qirda kkawżata mit-terremot vjolenti fil-Lbiċ taċ-Ċina fit-12 ta' Mejju 2008; billi dan it-terremot qatel eluf kbar ta' nies, b'mod partikolari fil-provinċja ta' Sichuan; billi skond l-aħħar stimi, 10 miljun ruħ ġew affettwati it-terremot u nqatlu kważi 70,000 persuna, inklużi eluf ta' tfal ta' l-iskola li mietu meta kkollasaw il-klassijiet tagħhom,
- C. billi l-gvern Ċiniż ipprova mezzi ta' salvataġġ eċċezzjonali, u ta' persunal - inkluża parti mill-armata - kif ukoll timijiet mediċi biex jgħinu lill-abitanti tar-reġjun milqut,
- D. billi kien hemm mobilizzazzjoni u solidarjetà straordinarja tal-poplu Ċiniż kollu kemm hu, kif ukoll tal-komunità internazzjonali, bil-għan li jiġu meġhuna l-persuni affettwati,
- E. billi l-ftuħ tat-Tibet għat-turiżmu u għall-midja m'għandux jiġi trattat bħala "avveniment ta' relazzjonijiet pubbliċi" iżda bħala ftuħ reali, li ser jippermetti lill-ġurnalisti, lill-midja u lituristi li jżuru r-reġjun tat-Tibet,
- F. billi jitqiesu d-dikjarazzjonijiet konklussivi tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (IOC), li enfasizza li l-fatt li l-organizzazzjoni tal-Logħob Olimpiku għall-2008 ngħatat f'idejn iċ-Ċina kien se jgħin sabiex il-pajjiż isir iktar miftuħ u sabiex tittejjeb is-sitwazzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem,
1. Jesprimi sodisfazzjoni dwar l-iżviluppi fir-relazzjonijiet bejn l-UE u ċ-Ċina, id-djalogi settorjali u l-kooperazzjoni iktar mill-qrib dwar bosta kwistjonijiet ta' portata dinjija;
 2. Jistieden lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jiftakru li t-twissija ta' terremot hi waħda mill-kriterji ta' referenza ta' l-iżvilupp ta' pajjiż; jenfasizza, għalhekk, l-importanza vitali li tirrispondi b'mod attiv u pront għal kull twissija li l-komunità xjentifika tista' tagħti lill-awtoritajiet fis-sitwazzjoni mhux probabbli imma possibbli ta' diżastru naturali ieħor fiċ-Ċina;

¹ Testi adottati, P6_TA(2008)0232.

² Testi adottati, P6_TA(2008)0119.

³ Testi adottati, P6_TA(2007)0622.

3. Jilqa' bil-ferħ il-ftuħ mill-ġdid tal-kuntatti, wara l-ġrajjet tax-xahar ta' Marzu f'Lhasa, bejn ir-rappreżentanti tad-Dalai-Lama u l-awtoritajiet Ċiniżi; iħeġġeġ liż-żewġ partijiet biex jintensifikaw dawn il-kuntatti sabiex joħolqu bażi ta' fiduċja reċiproka, l-unika kundizzjoni li permezz tagħha tista' tinstab soluzzjoni politika li tkun aċċettabbli miż-żewġ naħat;
4. Jiddeplora l-fatt li l-ebda sejħa internazzjonali ma rnexxielha twaqqaf lill-awtoritajiet Ċiniżi milli jissoktaw bit-tkomplija tagħhom għall-ġlied ta' l-14 ta' Marzu 2008 fit-Tibet, peress li l-parteċipanti fil-protesti f'Lhasa għadhom qed jiġu traċċati, miżmuma u arrestati b'mod arbitrarju, u l-familji tagħhom mhumiex jingħataw informazzjoni dwar fejn jinsabu, għalkemm dan huwa rikjest mil-liġi Ċiniża; jitlob lill-awtoritajiet Ċiniżi sabiex, matul il-Logħob Olimpiku, itemmu l-kampanja tagħhom ta' "rijedukazzjoni patrijottika", li ġiet intensifikata sa mill-bidu ta' April, f'ġieħ "Tregwa Olimpika" li ilha li ġiet stabbilita;
5. Jinnota b'sodisfazzjoni li ċ-Ċina ma damitx biex aċċettat l-għajnuna tal-komunità internazzjonali għall-persuni milquta mit-terremot fir-reġjun ta' Sichuan u biex tiffaċilita l-intervent ta' l-organizzazzjonijiet ta' għajnuna umanitarja u ta' salvataġġ għat-tqassim ta' l-għajnuna;
6. Jenfasizza l-importanza ta' l-appoġġ ta' l-Unjoni Ewropea, ta' l-Istati Membri u tal-komunità internazzjonali fil-fażi tar-rikostruzzjoni tar-reġjun milqut;
7. Jitlob liċ-Ċina biex tirrispetta l-impenji pubbliċi tagħha lejn id-Drittijiet tal-Bniedem u d-drittijiet tal-minoranzi, id-demokrazija u l-istat tad-dritt li tħabbru fid-deċiżjoni tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali (IOC), meta ħalliet liċ-Ċina torganizza l-Logħob Olimpiku;
8. Iħeġġeġ lill-awtoritajiet Ċiniżi biex jieħdu din l-opportunità storika ħalli juru lid-dinja li l-ġhoti tal-Logħob Olimpiku lil Peking ipprovdha opportunità unika biex jitjiebu r-rekords tad-Drittijiet tal-Bniedem f'dan il-pajjiż, billi juru klemenza lill-priġunieri politiċi kollha u lill-attivisti għad-Drittijiet tal-Bniedem li jinsabu arrestati, inkluż fil-ħabsijiet fit-Tibet wara l-ġlied li nqala' f'Marzu 2008 (ovvjament minbarra l-persuni li jkun wettqu reati vjolenti); jitlob minbarra dan lill-awtoritajiet Ċiniżi biex iwaqqfu d-diskriminazzjoni kontra l-migranti rurali, il-minoranzi etniċi u biex jieqfu jittormentaw l-attivisti tat-trejdunjins, l-avukati u l-ġurnalisti meta dawn jiddenunċjaw ksur tal-libertajiet fundamentali; itenni l-konvinzjoni tiegħu li l-arrest ta' niex bħal dawn huwa kontra l-ispirtu universali u aċċettat tal-*ius gentium* (liġi tan-nazzjonijiet);
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lil Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-gvernijiet u lill-parlamenti ta' l-Istati Membri, lill-Gvern tar-Repubblika Popolari taċ-Ċina u lill-Kumitat Eżekuttiv tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali.